B 1901

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,266, 17 ta' Settembru, 2019
Taqsima B

A.L. 240 tal-2019

L-ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2019 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2014 għall-Programm fil-Liberal Arts and Sciences taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Arti u x-Xjenzi Liberali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mill-Bord taċ-Ċentru għall-Arti u x-Xjenżi Liberali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8 (b) (v) tal-Istatut għaċ-Ċentru, u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2019 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2014 għall-Programm fil-Liberal Arts and Sciences, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2014 għall-Programm fil-Liberal Arts and Sciences, taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Arti u x-Xjenżi Liberali, ippubblikati bħala Avviż Legali 221 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara.

L-Emenda għar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"10. L-istudenti li jiksbu Kretti meta jkunu rreġistrati f'korsijiet offruti minn din l-Università jista' jkollhom il-Kretti aċċettati mill-Bord tal-Istudji biex jiġu trasferiti fil-Programm,
sakemm li jekk dawn il-Kretti jkunu ġew diġà meqjusa għal għotja ta' kwalifika oħra ta' din l-Università jew ta' università oħra approvata mis-Senat, nota għal dan il-għan għandha tiġi nkluża fit-*transcript* jew fid-*Diploma Supplement* maħruġa."